**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 40/2022 AGV :**

**HC**

**P sive PL C**

**vs.**

**X**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors kongiunt ta' HC karta tal-identita numru 204274(M) u P sive PL C karta tal-identita numru 438173(M), datat 21 ta' Jannar 2022 fejn esponew bir-rispett:**

Illi l-partijiet izzewwgu fit-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u z-zwieg taghhom gie irregistrat fir-registru pubbliku ta' Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness) bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, HG C, li twieled fil-hmistax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (15/10/2007);

Illi l-paritjiet isseparaw *ex lege* permezz ta' Kuntratt Pubbliku datat 3 ta' Marzu 2021, tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin 2021 fl-atti tan-Nutar Dr. Dottor Sharon Faith Farrugia (hawn ezebit bhala Dok. B).

Illi Hank Catania ihallas manteniment ghal minuri HG C skond il-kuntratt ta' separazzjoni u m'hemmx vertenzi.

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet m'ghandhomx pretensjonijiet kontra xuxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit ta' H C u P sive P L C hawn anness bhala Dok. C u D rispettivament.

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet HC u P sive P L C ai termini tal-artikolu 66A *et seq* tal-Codici Civili u Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**